# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2472

Kaz Nru. 3419/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

David Mifsud

u

Cassar Fuel Service Station Ltd

Illum : 26 ta' April, 2017

*dwar : tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat minn l-Avv Robert Tufigno f'isem David Mifsud fit-22 ta' Ottubru, 2015, fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Socjetà Cassar Fuel Service Ltd. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Mark Cassar assistit minn l-Avv Matthew Brincat tinnega dan. Inżammu tmien seduti.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba differiment twil kif ukoll in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif jeżiġi l-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jirritjeni li għal bidu ta'Lulju 2015 huwa ġie infurmat minn uffiċjal tas-Soċjetà Intimata biex ma jmurx iktar għax-xogħol ta' *supervisor* fis-*service station* Ħal Tarxien fejn kien jaħdem. Sussegwentement kien ġie offrut kuntratt ta' impieg ieħor b'paga inqas u kundizzjonijiet inferjuri għax-xogħol preċedenti tiegħu. Huwa jirritjeni li l-impieg tiegħu ġie terminat unilateralment minn mas-Soċjetà Intimata mingħajr raġuni valida.

Is-Soċjetà Intimata trirritjeni illi t-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrenti kienet minħabba nuqqas ta' impenn, nuqqas tal-qadi tal-funzjonijiet u dmirijiet tiegħu u dawn in-nuqqasijiet baqgħu jippersistu minkejja diversi twissijiet formali u verbali minn uffiċjali tas-Soċjetà.

**3. Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jinnota li għad li fl-*istatement of case* tas-Soċjetà Intimata r-raġuni tat-tkeċċija tidher li hi fuq nuqqasijiet da parti tar-Rikorrent iktar tard hemm indikazzjoni ta' *redundancy*. It-*Termination Form* (Dok JS 1) turi bħala raġuni l-kelma "*others*" u din meta ġiet mitluba kjarifika mill-ETC indikat li r-Rikorrent ma irrapurtax għax-xogħol u għalhekk kien kunsidrat li rriżenja. Affaċċjat minn din it-taħbila kollha t-Tribunal ried jara kif ġraw l-affarijiet bil-kronoloġija b'kollox. Il-liċenzjament jidher li kien skattat wara li r-Rikorrent kien siefer għal xi ġranet u ma kienx għarraf lill-Prinċipal tiegħu b'dan il-frank li kien ħa mingħajr ebda permess. Jidher illi kien hemm il-prattika li dment li s-*service station* ikun kopert ma jkunx hemm il-bżonn li l-uffiċju ikun infurmat f'każ ta' frank u r-Rikorrent jirritjeni li sieħbu kien daħal biex jara li l-ħin kollu tan-nuqqas ta' preżenza tiegħu ikun kopert minnu. Għadda ftit taż-żmien wara l-liċenżjament tar-Rikorrent fejn kien hemm attentat biex ir-Rikorrent jitħallas dak kollu li kien dovut lilu bħala *notice* eċċ. kif elenkat fid-dokument G fl-ammont ta' €1166.90. Iżda dan ma ġiex aċċettat għaliex ir-Rikorrent jirritjeni li ma ridtx jiffirma id-dokument bħala *full and final settlement.* Wara saret offerta ta' impieg ieħor b'kundizzjonijiet li r-Rikorrent qies bħala inferjuri għal dawk tal-impieg preċedenti. It-Tribunal mhux se jidħol f'dan għax il-każ huwa biss dwar it-terminazzjoni tal-impieg preċedenti. Mill-provi mressqa ma jidhirx li n-nuqqasijiet indikati mis-Soċjetà Intimata huma tali li jiġbdu s-sanzjoni tat-tkeċċija. Veru li n-nuqqas tar-Rikorrent fuq frank mingħajr permess hija meqjusa mit-Tribunal bħala nuqqas ta' ċerta serjetà iżda mhux ta' suffiċjenza li tinkorri is-sanżjoni estrema ta' tkeċċija. It-Tribunal iwarrab it-teżi ta' *redundancy* l-ewwel nett għax din kellha tkun sollevata *in limine litis* u mhux fl-aħħar tal-każ u anke *prima facie* tidher li mhix sostenibbli.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-terminzzjoni tal-impieg tar-Rikorrent David Mifsud minn mas-Soċjetà Intimata Cassar Fuel Service Station Ltd ma kienx għal raġuni valida u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 81(2) (a) tal-Kap 452 ikkunsidra l-fatti kollha, ra l-età tar-Rikorrent, is-salarju li kellu u ż-żmien li dam jaħdem mas-Soċjetà Intimata jillikwida l-kumpens dovut lir Rikorrent David Mifsud mis-Soċjetà Intimata Cassar Fuel Service Station Ltd fl-ammont ta' €10,000 li trid titħallas hekk: €4,000 sa żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni u r-rimanenti ammont €1,000 kull l-aħħar tax-xahar bl-ewwel pagament isir fl-aħħar ta' Ġunju 2017. Jekk tinqabeż għal kwalsiasi raġuni xi skadenza r-rimanenti somma kollha issir *ipso facto* pagabbli.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffrimat : Franco Masini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja